# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI.

## IMHALLEF

## ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 25 ta' Frar, 2002.**

**Kawza Numru: 14**

**Citaz. Nru. 2635/97GV**

Doc. 200-02

**Maltacom plc**

**-vs-**

**Joseph Debono**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi l-korporazjoni attrici, fuq talba tal-konvenut kienet installat is-servizzi telefonici bin-numri 577251, 575013, 575493, fil-fond "Waterloo Restaurant", Triq l-Insell, Bugibba.

Premess illi l-konvenut kien obbliga ruhu li jhallas dawk it-tariffi li minn zmien ghall-zmien jigu stabbiliti mill-korporazzjoni attrici.

Premess illi l-konvenut huwa debitur tal-korporazzjoni attrici fl-ammont kumplessiv ta' elf, disa' mija u erbgha u tlettin Lira Maltin u erbgha u disghin centezmi (Lm1,934.94), liema ammont huwa dovut kwantu ghall- Lm176.21 ghall-uzu (*pulses/calls*), kera tal-linja, u taxxa fuq il-valur mizjud fuq parti mill-kera in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 577251 (skond ma kif jirrizulta mill-anness *statement* immarkat bhala Dok. B), kwanti ghall- Lm1,001.89 ghall-uzu (*pulses/calls*), kera tal-linja, u taxxa fuq il-valur mizjud fuq parti mill-kera in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 575013 (skond ma kif jirrizulta mill-anness *statement* immarkat bhala Dok. C), u kwantu ghall-Lm756.84 ghall-uzu (*pulses/calls*), kera tal-linja, u taxxa fuq il-valur mizjud fuq parti mill-kera in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 575493 (skond ma kif jirrizulta mill-anness *statement* immarkat bhala Dok. D),

Premess ukoll illi l-istess konvenut gie nterpellat ihallas is-somma msemmija izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant il-korporazzjoni attrici talbet lil din il-Qorti:

1 tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-korporazzjoni attrici s-somma kumplessiva ta' elf, disa' mija u erbgha u tlettin Lira Maltin u erbgha u disghin centezmi (Lm1,934.94), dovuta skond kif spjegat aktar il-fuq in konnesjoni mas-servizzi telefonici hawn fuq imsemmi liema servizzi kienu gew installati mill-korporazzjoni attrici fil-fond fuq imsemmi fuq talba tal-konvenut.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, tal-ittra ufficjali tad-29 ta' Novembru, 1996 u bl-imghax legali kontra l-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni tal-korporazzjoni attrici a fol. 3;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Debono a fol. 13 tal-process fejn eccepixxa:

1 Illi l-ammont mitlub huwa esagerat u l-esponenti m'ghandhux ihallas dak li qed jigi mitlub stante wkoll illi saru xi pagamenti fil-passat u ghalhekk l-attur ghandu jipprezenta kopja tar-*readings* koncernati ghat-*telephone numbers* in kwistjoni u *statements* relattivi mill-1992 il-quddiem.

2 Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-premess l-azzjoni hija preskritta *a tenur* tal-artiklu 2158 tal-Kodici Civili.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-korrezzjoni a fol. 16;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza.

**TALBA**

L-atturi qed jitlobu li dina l-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' Lm1,934.94 dovuta in konessjoni mas-servizzi telefonici nstallati fil-fond Waterloo Restaurant, Triq l-Insell, Bugibba fuq talba tal-konvenut.

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenut eccepixxa li l-ammont mitlub huwa esagerat u l-esponenti m'ghandux ihallas dak li qed jigi mitlub stante li saru xi pagamenti fil-passat u ghalhekk l-attur ghandu jipprezenta kopja tar-*readings* koncernati ghat-telefon *numbers* in kwistjoni u *statements* relattivi mill-1992 'l quddiem. Illi fit-tieni lok l-azzjoni hija preskritta a tenur tal-artikolu 2158 tal-Kodivi Civili.

**PROVI**

P.L.Noel Scerri kkonferma li l-ammonti mitluba huma dovuti mill-konvenut. Hu pprezenta *itemised bills* Dok. NS1 u 2. Dawn jibdew minn 1994 'l quddiem billi ma jistghux isiru ghall-perjodu ta' qabel. Hu pprezenta *breakdowns* referibilment ghas-servizzi in kwistjoni (Dok. E, F u G. fol. 21-23). Fejn hemm asterisk juri li l-ammont thallas. Dan il-*breakdown* sar fil-1999 u ghalhekk ma jaqbilx precizament mat-talba attrici.

Il-kontijiet l-aktar antiki huma bejn Dicembru, 1991 u Settembru, 1996. Kienet saret ittra ufficjali fis-17 ta' Settembru, 1996 li giet notifikata lill-konvenut fit-23 ta' Settembru, 1996. Dok. fol. 39. Fuq dawn il-kontijiet ma sarux pagamenti.

Il-konvenut xehed u esebixxa d-dokumenti dwar pagamenti li qal li ghamel dwar dan is-servizz (fol. 43-72 ). Hu kien qed joggezzjona ghal dawn il-kontijiet ghax hass li huma esagerati.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Il-konvenut ipprezenta diversi dokumenti (fol. 43 sa 72) ta' pagamenti li huma ghamel. Dawn kollha jirreferu ghall-pagamenti li saru fil-1992/1993 u mill-*breakdowns* li pprezentaw l-atturi a fol. 21-23 dawn ma jidhrux billi d-dokumenti li huma pprezentaw ikopru perjodu bejn 1994-1998. Pagament wiehed biss li

jirrizulta mid-dokumenti esibiti mill-konvenut jidher fuq dawn id-dokumenti a fol. 21 fejn hemm hlas ta' Lm156.84.

Fid-dokumenti a fol. 21-23, jidhru l-pagamenti li ghamel il-konvenut bejn 1994 u 1998. Dawk li saru qabel ma jidhrux. Pagamenti qabel il-1994 kienu tnaqqsu mill-atturi, ghax kieku l-konvenut ma kienx ser jaghmel pagamenti sussegwenti ghal 1992 u 1993 minghajr ma jikkontesta l-pagamenti precedenti. Meta l-atturi nfurmaw lill-konvenut li kienu ser jiehdu proceduri legali, hu ghamel xi pagamenti u ma jirrizultax li l-ammonti tal-1992 u 1993 jissemmew jew gie indikat li ma tnaqsux. Il-konvenut xehed li mill-kontijiet mitluba fic-citazzjoni hu ma ghamilx pagamenti.

Ghalhekk l-ammonti mitluba fic-citazzjoni huma dovuti.

**PRESKRIZZJONI**

Kwantu ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni jidher li gie ndikat l-artikolu zbaljat billi l-artikolu 2158 m'ghandux x'jaqsam mal-kaz. Imma anke kieku, fil-kaz in ezami l-preskrizzjoni applikabbli hija ta' hames snin, u jirrizulta li l-atturi kienu ghamlu ittra ufficjali fis-17 ta' Settembru, 1996 li giet notifikata lill-konvenut fit-23 ta' Settembru, 1996 - Dok. fol. 39.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddecidi prevja li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talba attrici;

tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' Lm1,934.94 dovuta in konnessjoni mas-servizzi telefonici nstallati fil-fond Waterloo Restaurant, Triq l-Insell, Bugibba fuq talba tal-konvenut.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur**